**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 394/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Raymond Psaila**

**Illum 20 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Raymond Psaila, iben Carmelo u Catherine nee' Delia, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Settembru, 1965, residenti 22, l-Għasli, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche', Pembroke u detentur tal-karta tal-identita' numru 465065M.

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar l-10 ta' Ġunju, 2018 għal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (05:30 p.m.) fi Triq Sant'Andrija, Swieqi u/jew fil-viċinanzi:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Michael Vat (Ari 214, 216(1)(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkużat aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-għajjat u bil-ġlied (Art 338(dd) Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi f'kaz ta' ħtija, tipprovdi għal garanzija ta' Michael Vat skont artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 1 ta' Jannar, 2018.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti.

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kif ukoll semgħet ix-xhieda tad-difiża u l-imputat li xehed minn jeddu.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti tal-Każ**

Illi fl-10 ta' Ġunju 2018 Michael Vat jgħid li kien qiegħed jagħti l-fjuwil lill-karozza tiegħu mill-Wembley Petrol Station is-Swieqi meta hu mar biex iħallas mal-magna biex jixtri fjuwil u l-imputat Raymond Psaila daħallu fin-nofs biex jiġbed hu l-ewwel. Hemmhekk inqala argument bejniethom u sussegwentement is-Sur Vat ġie indikat li qed isofri minn ġrieħi gravi, senjatament ksur f'imnieħru tort ta' dan l-akkadut.

Michael Vat ma kienx waħdu dak in-nhar iżda kien akkumpanjat minn persuna ohra jishmu Onne Backers, dawn iż-żewġ xhieda jagħtu l-istess verżjoni tal-fatti ta' kif ġara l-akkadut. Huma jgħidu, li l-impuat mar biex iħallas biex jieħu l-fjuwil mal-magna, iżda Vat kien qablu u l-imputat qabżu, u s-Sur Vat ħass li din kienet atitudni aggressiva min-naħa ta' l-imputat. Meta l-imputat mar biex jimla' l-fjuwil fil-karozza tiegħu, is-Sur Vat offendih u l-imputat mar lura lejh u saqsih jekk iridx jiġġieled. Fil-pront Vat qallu li ma jridx jiġġieled u beda miexi lura lejn il-karozza tiegħu u ħass daqqa fuq wiċċu li ma jafx minn fejn ġiet, li tahielu l-imputat u beda ħiereġ ħafna demm minn wiċċu fuq il-flokk tiegħu. Ta' dan ġew eżebiti diversi ritratti, kif ukoll cd tas-CCTV cameras li hemm fl-istess Wembley Station li ġew ukoll ikkonfermati bil-ġurament.

L-imputat jagħti verżjoni kompletament differenti tal-fatti kif ġraw. Huwa jgħid li dak in-nhar hu mar fil-petrol station tal-Wembley biex jagħti l-petrol lill-vettura tiegħu u kien mal-mara tiegħu, huwa ipparkja quddiem il-magna biex jixtri l-fjuwil u kien hemm is-Sur Vat. Vat ma kienx qed jitfa' flus fil-magna imma kien qiegħed sempliċiment iħares lejn il-magna u l-imputat saqsih jekk kienx ser jitfa' flus fiha, u Vat ma kellmux, kif l-imputat ra hekk, hu ħareġ il-flus, ħallas, għażel in-numru tal-pompa u beda jagħti l-fjuwil lill-vettura tiegħu. Hemmhekk Vat beda joffendih, u kif l-imputat spiċċa mill-fjuwil, tefa n-nosil lura fil-pompa biex jitlaq lura. Hemmhekk ra lis-Sur Vat ġej għalih wiċċ imb'wiċċ u s-Sur Vat saqsih hu jekk iridx jiġġieled, u l-imputat qallu li m'hemmx għalfejn jiġġieldu u beda jżomm lura. Vat neħħa n-nuċċali minn fuq wiċċu u kompla jsaqsi lill-imputat jekk iridx jiġġieled u ħin minnhom Vat dar għall-imputat bin-nuċċali f'idejh b'rabja u ħasad lill-imputat

li ħaseb li ġej għalih biex isawtu u fil-pront l-imputat għolla jdejh u jaħseb li laqtu. Peress li kienu tnejn huwa żamm il-bogħod, rikeb il-vettura u telaq.

Illi jirriżulta miċ-ċertifikat tat-Tabib Wongso tas-St James Hospital li l-imputat sofra ġrieħi ta' natura gravi, izda t-tabiba maħtura minn din il-Qorti Dr. Carina Debattista iċċertifikat il-ġrieħi li sofra l-Michael Vat bħala ħfief u dan skond ir-rapport preżentat waqt il-kawża oltre r-riċerka ippreżentata ma' l-istess rapport.

**Ikkunsidrat:**

Preżentata b'dawn il-fatti quddiemha l-Qorti għandha żewg verżjonijiet kunfliġġenti ħafna għal xulxin. Għalhekk il-Qorti bilfors se jkollha toqgħod fuq id-dokumenti miġjuba quddiemha, sentjatament ic-cd kontententi l-filmat ta' dak in-nhar. Jirriżulta, kif qal ukoll ġustament u b'lealta' waqt it-trattazzjoni s-Supretendent Trevor Micallef, li kien Michael Vat li mar għal fuq l-imputat, neħħa n-nuċċali u jidher li kien sejjer hu għal ġlied fuq l-imputat. Għalhekk il-verżjoni li taw Vat u Backers ma għandha xejn mis-sewwa u l-verżjoni li ta' l-imputat issib komfort fil-filmat li ġie ippreżentat, għalhekk mill-verżjonijiet mogħtija hija dik ta' l-imputat li hija veritjiera. Huwa minnu li Vat mar fuq l-imputat qisu sejjer għall-ġlied għalhekk il-Qorti temmen lilu, u temmen ukoll li Vat ħasad lill-imputat li min-naħa tiegħu irreġixxa billi għolla jdejh u laqat lil Vat.

Il-Professur Mamo jghid: "*The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent.*"

Il-Qorti tħoss li l-imputat kien qiegħed jigi minaċċjat bil-mod ta' kif Michael Vat irreaġixxa fil-konfront ta' l-imputat Psaila. F'dan il-kuntest wieħed irid iżomm f'moħħu li Vat ma kienx waħdu iżda, l-imputat kien waħdu, għalhekk ir-reazzjoni ta' l-imputat kienet waħda normali f'dawk iċ-ċirkostanzi biex ikun jista' jiddefendi ruħu. L-imputat ma ġiex sempliċiment ipprovokat minn kif jirriżulta, iżda l-allegat vittma Vat mar għalih għall-ġlied u għalhekk il-Qorti tħoss li l-mod kif irreaġixxa l-imputat kien inevitabbli biex jiddefendi lilu nnifsu.

Il-Qorti għalhekk in vista taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ma tarax li hemm triq oħra għajr li tara li kienet *legittima difesa.*

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu, u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**